MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru 758/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**V**

**LEONARD MONTEBELLO**

**Seduta ta' llum 16 ta'Novembru 2005.**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LEONARD MONTEBELLO** ta' sebgha w erbghin sena bin Carmelo u Concetta nee Farrugia, imwieled Hal Kirkop nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 1954 u residenti 'Roseleon', 26, Triq il-Fosa tal-Qamh, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 339454M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-tmienja ta' Dicembru 2001 ghall-habta tas-sebgha w ghoxrin ta' filghaxija gewwa z-Zejtun, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmela Degabriele f'perikolu car, ikkaguna offiza fuq il-persuna

tal-istess Carmela Degabriele, liema offiza ggib mankament jew sfregju fil-wicc kif iccertifika Doctor P. Ellul tal-isptar San Luqa;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sonia Degabriele kif iccertifika Doctor D. Cefai taz-Zejtun;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvediment tal-artikolu 383(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Dicembru 2001 sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2002 [fol 7].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tad-dsatax ta' Ottubru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2002 xehed l-Ispettur Joseph Agius** [fol 8] fejn qal li fit-tmienja ta' Dicembru 2001, ghall-habta tas-sebgha w ghoxrin ta' filghaxija kien gie nfurmat minn PS 1386 Anthony Agius li kienet sehhet glieda z-Zejtun u li kien hemm persuna mweggha b'feriti

ta’ natura gravi. Qal li hu baghat ghal din il-persuna li allegatament kienet kkagunat dawn il-feriti, li rrizulta li kien l-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla w interrogah wara li tah is-solita twissija u dan irrilaxxja stqarrija fil-presenza ta’ PS 1386 Anthony Agius, liema stqarrija tinsab esibita fl-atti bhala dokument CSH 3 a fol 10. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik ta’ PS 1386 Anthony Agius kif wkoll tal-imputat fuq iz-zewg faccati tal-istess stqarrija.

Illi **nhar l-hdax ta’ Lulju 2002 rega’ xehed l-Ispettur Joseph Agius** [fol 41] fejn esibixxa zewg ritratti li jindikaw wicc l-vittma Carmela Degabriele bil-feriti msemmija li gew mmarkati bhala dokument JA 1 u JA 2 [fol 23]. Wiehed minn dawn r-ritratti jindika wkoll t-tajn li twaddab mar-residenza taghha. Ix-xhud esibixxa wkoll il-kwerela ta’ Dottor Anglu Farugia li giet mmarkata bhala dokument JA 3, certifikat mediku rilaxxat minn Doctor Philip Spiteri li gie mmarkat bhala dokument JA 4, ticket of referral li gie mmarkat bhala dokument JA 5 u ticket of referral iehor datata tnejn u ghoxrin ta’ April 2002 li gie mmarkat bhala dokument JA 6.
Illi **nhar s-sittax ta’ Settembru 2002 rega’ xehed l-Ispettur Joseph Agius** [fol 52] fejn meta gie mistoqsi jekk hu ezaminax l-basket li fil-fatt gie esibit l-Qorti, qal li hu kien rah u li dakinhar li rah ma ra ebda tracca ta’ demm fuqu. Mistoqsi jekk hu marx fuq il-post tal-incident, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi **nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2002 xehed PS 1386 Anthony Agius** [fol 11] fejn qal li fit-tmienja ta’ Dicembru 2001, hu kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija Zejtun meta ghall-habta tas-sebgha w nofs ta’ filghaxija kien gie nfurmat li fi Triq il-Qamh, Zejtun kien hemm argument bejn diversi nies u ghalhekk mar fuq il-post flimkien ma pulizija iehor fejn sabu lil imputat odjern, li gharaf presenti fl-awla, lil Carmela Degabriele, Vincenzo Degabriele, Sonia Degabriele. Kompla jghid li lil Rose Montebello, li tigi mart l-imputat, sabha f’darha. Qal li fuq il-post kien hemm kommozzjoni u l-partijiet involuti kienu fi stat t’anzjeta u huma ppruvaw jikkalmawhom. Carmela Degabriele dak l-hin kellha xi demm ma wiccha. Fuq il-

post gie nfurmat mill-familja Degabriele li l-imputat kellu basket tax-xoghol u kien laqat lil Carmela Degabriele f'wiccha. Kompla jghid li mar fid-dar tal-imputat u minn hemmhekk eleva basket li allegatament kien involut f'dan l-incident, liema basket esibixxa l-Qorti u gie mmarkat bhala dokument CSH 4.

Qal li meta fetah l-imsemmi basket fih sab tornavit, skartocc u xi affarijiet personali. Zied jghid li hu tkellem mal-imputat li qallu li waqt li kien gej mix-xoghol, kien waqqfu Vincenzo Degabriele, li joqghod zewg bibien jew tlieta boghod minnu u kien kellmu b'rabbja sabiex inehhielu l-vann li kien hemm ipparkjat peress li kien ipparkjat quddiem d-dar tieghu. Sussegwentement minhabba dan d-diskors inqala argument u l-imputat u Vincenzo Degabriele spiccaw fl-idejn. F'dan l-argument, kompla jghid l-imputat lix-xhud, Vincenzo Degabriele kien tefghalu zewg qsari lejh. Ix-xhud ikkonferma li fuq l-post meta kien hemm, kien ra xi hamrija mal-art u xi qsari u f'wahda mill-qsari kien hemm xi cactus li kellha x-xewk twil.

Qal li Vincenzo Degabriele kien stqarr mieghu dak li kien qal l-imputat u cioe li hu kien talab lil imputat inehhilu l-vann minn quddiem il-bieb pero ma kienx kellmu b'suppervja izda bl-edukazzjoni kollha. Ix-xhud zied jghid li meta staqsa lil Vincenzo Degabriele kif spiccaw il-qsari mal-art, dan qallu li kienu waqghu.
Ix-xhud qal li dawn il-qsari ma kienux fil-post originali taghhom, izda mitfugha 'l boghod. Qal li hu tkellem wkoll ma Carmela Degabriele, l-allegata vittma li stqarret mieghu li meta hija semghet l-argument bejn l-imputat u zewgha Vincenzo Degabriele, harget barra bintha Sonia w ippruvaw jikkalmaw lil Vincenzo Degabriele. Ix-xhud qal li din qaltlu li l-imputat, dak il-hin beda jinsulenthom u hin minnhom anke xejjer l-basket li kellu f'idejh fid-direzzjoni taghha.

Ix-xhud qal li meta huwa mar fuq il-post, l-vann tal-imputat kien ipparkjat quddiem r-residenza ta' Vincenzo Degabriele. Zied jghid li bejn d-dar tal-imputat u dik tal-familja Degabriele, hemm biss xi tlett idjar ohra. Qal li

meta mar fir-residenza tal-imputat, sab qasrija proprjeta ta' Vincenzo Degabriele li kienet imwahhla mal-koxxa tal-bieb tieghu u fil-fatt Rose Montebello, l-mara tal-imputat kienet qaltlu li kienu ta' Degabriele li kienu tefghu din il-qasrija mal-koxxa tal-bieb taghhom. Qal li din il-qasrija fil-fatt kienet tixbah hafna l-qsari u cioe l-pjanti li kien hemm mal-faccata tar-residenza ta' Vincenzo Degabriele.

Ix-xhud kompla jghid li meta staqsa lil imputat dwar il-feriti li kellha Carmela Degabriele, dan spjegalu li waqt li Vincenzo Degabriele kien ser jitfa qasrija fid-dirzzjoni tieghu, bil-qasrija fil-posizzjoni ta' wara daru, dan kien laqat lil Carmela Degabriele hu u jitfaghha.

Ix-xhud esibixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument CSH 5 [fol 15].

Illi **nhar s-sittax ta' Settembru 2002 rega' xehed PS 1386 Anthony Agius** [fol 54], fejn meta gie mistoqsi dwar il-pjanti, qal li kien hemm xi pjanti f'nofs t-triq u ohra mal-bieb tal-imputat. Meta x-xhud gie muri r-ritratt dokument AB esibit fl-atti, ix-xhud qal li l-hamrija kienet mal-art f'nofs tat-triq. Meta ra r-ritratti dokumenti AB 1 u AB 2, ix-xhud qal li fihom jidhru bicciet mill-qasrija migbura u mhux kif rahom hu fuq il-post dakinhar tal-incident. Mistqosi jekk rax xi demm mal-koxxa tal-bieb tar-residenza tal-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk kien hemm xi vettura Hyundai Accent ftit 'l isfel mill-vettura ta' Vincenzo Degabriele, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf peress li l-kwistjoni kienet fuq il-vann. Linji sofor quddiem r-residenza ta' Degabriele ma kienx hemm fis-sens ta' linji tat-traffiku fis-sens ta' parking bay.

Meta x-xhud gie muri d-dokuemnti AB 3 u AB 4, qal li dawk r-ritratti ma tantx huma cari pero kienu juru l-hsarat li kien hemm mal-bibien, kompatibbli mad-daqqiet ta' qsari u fil-fatt kien hemm qasrija mfarrka mal-bieb. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, l-imputat kien qallu li l-qasrija giet mitfugha minn Carmela Degabriele. Qal li meta mar hu ghand l-imputat, dan kien f'nofs t-triq vicin fejn hemm il-hamrija murija fir-ritratt dokument AB filwaqt li l-familjari ta'

Degabriele kienu fuq il-parapett tar-residenza ta' Vincenzo Degabriele.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 rega' xehed PS 1386 Anthony Agius** [fol 75] fejn ikkonferma li hu kien mar fuq il-post fejn sehh l-incident. Qal li jaqbel mar-ritratt dokument CSH 6 li hu rittratt tal-lok fejn sehh l-incident. Qal li jaqbel wkoll li dak l-hin kien hemm l-hamrija mal-art fit-triq mhux fuq il-bankina. Qal li l-qsari li ra kienu fit-triq. Zied jghid li hu tkellem ma Carmen Degabriele u wara mar ikellem lil imputat odjern. Qal li kien minnu li hu ezamina l-basket li allegatament intlaqtet bih Carmen Degabriele. Mistoqsi minn fejn gie l-basket ix-xhud wiegeb li ma kienx jiftakar. Jaf li fih kien hemm xi platt jew xi oggett iehor pero ticpis ta' demm fuq il-basket hu ma kienx ra. Qal li fil-parapett tal-imputat kien hemm xi gebla li l-imputat allega mieghu li kienet giet mitfugha lilu mill-familja Degabriele. Mistoqsi x'kien hemm fil-parapett tal-familja Degabriele ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Illi **nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2002 xehdet Carmela Degabriele** [fol 19] fejn qalet li fit-tmienja ta' Dicembru 2001 ghal habta tas-sebgha w kwart ta' filghaxija, fi Triq il-Fossa tal-Qamh, Zejtun, l-imputat kellu vann tax-xoghol tieghu pparkjat quddiemha. Qalet li l-imputat kien ilu jipparkja dan il-vann quddiem d-dar taghhom, u cioe tlett bibien minn fejn joqghod hu u li kien kemm il-darba li qalulu biex ma jipparkjahx hemmhekk. Qalet li fil-fatt l-imputat ma setghax jipparkja fejn kien qed jipparkja ghaliex kien hemm sinjali sofor maghmula mill-Bord tat-Traffiku f'dik it-triq. Qalet li dakinhar, l-imputat kien gab l-vann quddiem d-dar taghha u zewgha li ghandu sitta w sittin sena kien d-dar wara l-hgieg u qallu biex iressaq l-imsemmi vann u malli qallu hekk, l-imputat sploda u beda joffendih bil-hajjin u l-mejtin tieghu. Qalet li meta hi semghet lil imputat jidghi u jitkellem hazin, hi u bintha Sonia hargu mid-dar u bintha daret fuqu u qaltlu biex jibda jzomm il-vann quddiem l-bieb tad-dar tieghu u l-imputat wegibha "Hekk irrid". Qalet li zewgha irrispondih billi qallu li kien qed jaghmlu hemmhekk peress li martu ma riditx il-vann quddiem biebha. Qalet li dak l-hin, l-imputat dar fuqu u qallu biex ma jsemmix lil martu ghaliex

kien jaqlalu ghajnejh u pogga subajh quddiem wicc r-ragel. Qalet li bintha ppruvat twaqqfu u l-imputat beda jxejjer b'idejh u laqat lil bintha f'rasha u beda jghajjar lil zewgha 'bahnan' u 'ahdar'. Qalet li hi dak l-hin daret fuq l-imputat u qaltlu 'ghax ma tghamlux quddiem biebek il-vann?' u dak l-hin l-imputat ta daqqa bil-basket li kellu f'idejh li kellu xi haga iebsa fih u beda jghajjar lil zewgha 'pufta'.

Meta x-xhud giet murija d-dokument CSH 4, qalet li dan kien il-basket tax-xoghol li kellu f'idejh l-imputat, pero kien mimli. Mistoqsija jekk kienetx certa li dak kien l-istess basket li nghatat d-daqqa bih, ix-xhud wiegbet li kien l-istess basket. Qalet li l-imputat lilha beda jghajjarha 'qahba'. Qalet li dak l-hin wiccha kien mimli demm u giet mibughta l-isptar b'ambulanza. Mistoqsija jekk hi ghandhiex xi qsari, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv u pprecizat li kienu fil-front garden. Ziedet tghid li meta hi daret fuq zewgha u qaltlu 'ara x'ghamilli'. Huwa fetah idejh u bi zball tajjar iz-zewgt iqsari. Qalet li imbaghad l-imputat qabad il-qsari u rega' tefghahomlu.

Mistoqsija jekk setghax kien l-kaz li kien zewgha li laqatha ix-xhud qalet li ma setghax kien il-kaz. Mistoqsija tispjega lil Qorti kif semplicement billi zewgha tajjar dawn l-qsari, spiccaw quddiem r-residenza tal-imputat, ix-xhud wiegbet li ma kienx veru li kien hemm xi qsari quddiem r-residenza tal-imputat. Qalet li l-qasrija waqghet minn naha l-ohra tac-cint tad-dar taghha, taht l-bankina. Mistoqsija jekk kellhiex xi ritratti tal-qsari fejn spiccaw bhala konsegwenza ta' dan l-incident, ix-xhud wiegbet li ma kellhiex.

Ix-xhud esibiet erbgha ritratti 'n konnessjoni ma dan l-incident li gew mmarkati bhala dokument CSH 6. Esibiet wkoll certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor David Cefai li gie mmarkat bhala dokument CSH 7, fejn jiddeskrivi t-tip ta' feriti li sofriet f'dan l-incident. Esibiet wkoll jersey li kienet liebsa dakinhar tal-incident u l-bra taghha kif wkoll flokk li kien liebes zewgha dakinhar li flimkien gew mmarkati bhala dokument CSH 8.

Illi **nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2003 regghet xehdet Carmela Degabriele** [fol 70] fejn, meta giet murija r-ritratt a fol 56, ikkonfermat li d-dar bl-isfar hija taghha. Hi cahdet dak li gie allegat mid-difiza li meta gara l-incident, huma kienu wara l-bieb tal-aluminium, ghaliex hi kienet gewwa u r-ragel biss kien wara l-hgiega jara d-dwal tal-Christmas Tree. Qalet li kien t-tifel tal-imputat, li kien ipparkja l-vann fil-post indikat fix-xhieda taghha precedenti. Yellow lines ma hemmx quddiem d-dar taghha, qalet ix-xhud. Qalet li zewgha sussegwentement kien hareg u qal lil imputat sabiex iressaqlu l-karozza. Qalet li hi kienet f'darha u kien ghaliex semghet l-ghajjat li harget barra. Qalet li d-dar itwal mit-tul tal-awla. Qalet li taf li zewgha tkellem bil-mod ma l-imputat u kien l-imputat li beda jghajjat. Ix-xhud indikat fuq r-ritratt a fol 56 permezz ta' salib fejn kien l-imputat u permezz ta' l-ittra 'Y' fejn kien zewgha. Qalet li hi kienet fejn hemm immarkat bl-ittra 'M' u bintha fejn hemm l-ittra 'T' fuq l-istess ritratt. Qalet li fit-terazzin ghandha l-qsari. Meta semghet l-ghajjar hi u bintha hargu u bintha bdiet tghajjat biex johorgu l-vann u jpogguh band'ohra. Qalet li hi bdiet tghajjat wkoll u gholliet ftit lehinha. Qalet li mhux minnu li l-qsari kienu f'nofs ta' triq, kienu taht l-bankina u dan ghaliex l-imputat xejjer l-basket u bih laqatha fuq wiccha u kellha hafna demm. Qalet li lil zewgha qabditu mill-komma u wrietu x'kien ghamlilha, u kien dak l-hin li zewgha laqat l-qasrija b'idejh. Qalet li kien imbaghad li l-imputat qabad l-qasrija u tefaghha fuqhom. Qalet li ma kienx minnu dak li gie suggerit mill-avukat difensur li kien zewgha li kien laqatha bil-qasrija u dan ghaliex l-qasrija kienet boghod minnha u cioe fejn hemm indikat zero fuq l-istess ritratt a fol 56. Qalet li l-qasrija spiccat taht l-bankina peress li laqatha hu, taret u spiccat fejn spiccat. Qalet li l-qasrija hija wahda hafifa.

Ix-xhud esibiet zewg ritratti li gew immarkati bhala dokumenti AB u AB 1 li gew mehuda dakinhar stess tal-incident. Qalet li bhala rizultat ta' dan l-incident hi tilfet r-retina t'ghajnejha u ma setghatx tkompli taghmel dak li kienet taghmel qabel, bhal hjata.

Illi **nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2002 xehed Vincenzo Degabriele** [fol 24] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Dicembru 2001, habta tas-sebgha ta' filghaxija hu kien d-dar tieghu fi Triq il-Fossa tal-Qamh, Zejtun meta f'xi hin sema' lil imputat jipparkja l-vann tieghu quddiem il-bieb tar-residenza tieghu u hareg sabiex ikellmu u staqsih jekk kienx ser jhalli l-vann ipparkjat quddiem il-bieb tieghu. Qal li f'daqqa wahda, l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, beda joffendih bil-mejtin ommu u missieru, hutu l-mejtin u jidghi b'Alla u bil-Madonna u qallu li ma riedtx inehhih minn hemmhekk.  Qal li martu u bintu hargu mid-dar wkoll u qalu lil imputat biex ma jibqax jhalli l-vann quddiem il-bieb taghhom u l-imputat wegibhom li hemm ried jhallih u li jekk riedu setghu jmorru ghand il-Pulizija.  Qal li hu dar fuq l-imputat u qallu 'l-mara tieghek wara biebha ma tridux?' u l-imputat dar fuqu u qallu biex lil martu ma jsemmihix ghaliex kien jaqlalu ghajnejh.  Qal li dak il-hin hdejh kien hemm martu u bintu u qallulu biex jqieghed il-vann wara biebu u l-imputat irrispondihom li wara bieb in-nies ried jzommu.  Zied jghid li dak l-hin l-imputat beda jaghti bil-basket li kellu u laqat lil mara tieghu f'wiccha u meta martu daret biex turih fejn kien laqatha l-imputat, sabha mimlija demm u peress li kellu qasrija fuq ic-cint, kif dar, tajjar il-qasrija.  Qal li l-imputat minn hdejn il-bieb tad-dar tieghu beda jghajjar lil martu u lil bintu 'qahba' u lilu 'pufta''bahnan' u beda jiccalingjah ghal glied.
Qal li wara l-incident gew maghmula xi double lines fis-sens li l-imputat ma setghax jibqa jipparkja hemmkhekk.

Illi **nhar t-tnejn ta' Gunju 2003 rega' xehed Vincenzo Degabriele** [fol 65] fejn qal li t-triq fejn joqghod hu hija wahda ghan-nizla u li fuq il-parapett tieghu kellu xi qsari. Qal li kien minnu li qabel il-bieb ta' barra ghandu wiehed tal-aluminium.  Cahad li kien qed jistenna lil imputat dakinhar.  Qal li hu kien wara l-bieb jhares lejn il-Christmas Tree peress li filghaxija ma johrogx.  Qal li kien iben l-imputat li kien mar w ipparkja l-vann quddiem il-bieb tad-dar tieghu bil-lejl, waqt li kien d-dlam.  Qal li hu kien imbaghad hareg u qal lit-tifel tal-imputat biex ma jhallix il-vann hemm w iben l-imputat kien qallu li kien ser inehhih, pero ghalaq il-vann rikeb fil-karozza u telaq 'l hemm u halla l-vann fejn kien ipparkjah.

Mistoqsi min kien ipparkja l-vann quddiem il-bieb tieghu dakinhar, jekk kienx it-tifel tal-imputat kif kien qed jixhed dakinhar jew inkellha l-imputat kif xehed nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2002, ix-xhud wiegeb li kien iben l-imputat li kien halla l-vann ipparkat hemmhekk dakinhar tal-incident. Qal li ma kienx f’posizzjoni jghid kemm dam l-imputat biex gie fuq l-post, pero qal li jahseb li kien xi nofs siegha wara. Qal li hu dakinhar tal-incident tkellem mal-imputat bil-kelma t-tajba. Qal li qallu “Lel, jekk joghgbok l-vann thallihx hemmhekk” u f’daqqa wahda hareg basket mill-karozza u rah jistira l-l-handles tal-basket li kien mimli, beda jidghi b’Alla u bil-Madonna u joffendih. Qal li wara hargu martu u bintu, il-mara tieghu kienet mac-cint, bintu fin-nofs u hu mal-bieb, kwazi f’nofs il-parapett. Qal li martu kienet fuq il-parti ta’ quddiem tal-parapett ma gemb ic-cint fil-proprjeta tieghu. Qal li kienu kollha bi dritt xulxin. Qal li l-imputat kien fuq l-bankina fuq in-naha taghhom tat-triq, taht ic-cint, mac-cint. Qal li hu qatt ma dagha jew tkellem hazin waqt l-incident. Qal li d-dar tieghu hija wahda qasira mit-tul u li l-bieb tal-aluminium u l-bieb ta' barra kienu t-tnejn miftuha meta tkellem mal-imputat.

Qal li kien minnu li hu laqat il-qasrija tal-plastic meta martu daret fuqu biex turih fejn kien laqatha l-inputat u li hu laqatha biss mhux refaghha. Qal li meta laqatha din waqghet mal-art u peress li t-triq hija ghan-nizla tgerbet ‘l isfel u spiccat f’nofs t-triq u ma nkisritx peress li hi tal-plastic. Qal li din m’ghaddietx minn quddiem il-vann jew minn hdejh. Qal li fl-ebda hin ma kien hemm qsari miksura f’nofs t-triq. Qal li hu ma dahalx b’xi qasrija lejn d-dar tal-imputat. Qal li hu qatt ma mar hdejn il-bieb tal-imputat u baqa kalm il-hin kollu. Cahad li hu laqat lil martu bil-qasrija, anzi qal li kien l-imputat li laqatha bil-basket u kellha hafna demm. Qal li l-basket elevah s-Surgent mid-dar tal-imputat mhux minn fuq il-post. Qal li hu ma rax lil imputat jolqot lil martu bil-basket, raha biss bid-demm ma wiccha u hu kien il-hin kollu jhares lejn l-imputat. Qal li qatt ma kellu xi incident iehor qabel dan mal-imputat u meta l-imputat kisirha mieghu, uliedu baqghu jirrispettawh u jkellmuh sew. Qal li bintu wkoll wegghet f’dan l-incident.

Illi **nhar l-hamsa ta' Marzu 2002 xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 27] fejn qal li in segwitu ghan-nomina tieghu tal-Qorti nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2002, sabiex jezamina wicc Carmela Degabriele, hu raha fil-klinika privata tieghu nhar s-Sibt, tnejn ta' Marzu 2002 u bhala konkluzzjoni qal li din kienet sofriet marka twila zewg centimetri f'wiccha fuq il-parti prominenti ta' haddejha. Qal li din il-ferita kienet imhaffra u li fl-opinjoni tieghu ma kienetx ser tirranga biz-zmien. <u>Huwa kklassifka din il-ferita</u> bhala wahda ta' natura gravi u <u>bhala sfregju permanenti</u>. Qal li din il-ferita hija kompatibbli ma xi haga li taqta pero jekk jkollok xi haga li tkun tqila u jkollha xifer tista tikkaguna ferita bhalha. Qal li zgur li din ma gietx kagjonata permezz ta' pjanta cactus. Ix-xhud ippresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarakta bhala dokument DVB a fol 29 tal-atti.

Illi **nhar s-sittax ta' Settembru 2002 rega' xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 51] fejn b'referenza ghax-xhieda precedenti tieghu, qal li l-ferita li hu rriskontra kienet angolata b'hamsa w erbghin grad u hemm hafna uniformamenti. Mistoqsi jekk id-daqqa gietx minn fuq jew minn isfel, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jghid mill-liema angolu giet. Qal li hija kompatibbli ma oggett iebes, donnu li ghandu xifer, jista jkun xi bicca concrete basta pero ghandha xifer fis-sens ta' xifer de linea.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 rega' xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 77] fejn qal li fil-fehma tieghu t-ticrita f'wicc Carmela Degabriele kienet ser thalli marka permanenti. Qal li c-cikatrici in kwistjoni hija twila zewg centimetri fuq haddejha tax-xellug u qeghda 45 degrees bhala angolu, mhux dritta, izda f'forma ta' arch. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid f'liema posizzjoni kien l-aggressur taghha meta laqatha u cioe jekk kienetx ghola minnu, biswit taghha jew tahtha. Qal li c-cikatrici kellha ssir b'xi haga iebsa. Mistoqsi jekk setghax kien container tal-plastic, ix-xhud wiegeb li skond l-piz tieghu. Qal li daqqa li qalet il-vittma kienet wahda b'sahhitha u hija kompatibbli ma xi haga li saret permezz ta' xi haga iebsa, b'xifer mhux necessarjament dritt u kienet mill-widna 'l

isfel. Ix-xhud ma setghax jghid jekk l-aggressur taghha kienx vicin jew le peress li l-oggett setgha twaddab. Jista jkun li xi hadd jkollu xi haga f'idejh, jwaddbu u jerga jigi lura lilu fis-sens ta' basket, pero l-oggett irid jigu mwaddab b'certu impatt. Qal li l-ezami tieghu ma kienx wiehed mill-punto di vista forensiku.

Illi **nhar l-hamsa ta' Marzu 2002 xehed Raymond Chetcuti** [fol 31] fejn qal li l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, jahdem mieghu u kien jaf li l-imputat kien dejjem imur ghax-xoghol b'basket iswed tan-nylon kbir xi tnax jew erbatax il-pulzier, li fuqu ghandu reklam tal-Winner.

Illi **nhar t-tmienja ta' April 2002 xehed Doctor Pierre Ellul** [fol 34] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Dicembru 2001, hu kien ezamina lil Carmela Degabriele fl-isptar San Luqa fid-Dipartiment tal-Emergenza. Qal li fuqha sab ferita lacerata f'wiccha fuq in-naha tax-xellug li kienet twila xi hames centimeteri u ohra twila centimetru. Qal li kellha wkoll barxa fuq in-naha tax-xellug tal-ispalla u sinjali ta' ferita ohra. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid ma x'hiex kienu kompatibbli dawn il-feriti.

Illi **nhar s-sbatax ta' Mejju 2003 rega' xehed Doctor Pierre Ellul** [fol 87] fejn meta gie muri patient certification form esibita bhala dokument PE a fol 36 tal-atti, qal li din kienet giet mahruga f'isem Carmela Degabriele nhar t-tmienja ta' Dicembru 2001 u giet mimlija minnu stess. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuqha u halef l-kontenut taghha. Qal li dawk l-feriti kienu ta' natura gravi.

Illi **nhar t-tnax ta' Jannar 2005 rega' xehed Doctor Pierre Ellul** [fol 106] fejn meta gie muri ghal darb'ohra patient certification form esibita bhala dokument PE a fol 36 tal-atti, qal li dan kien mahrug minnu. Qal li ma dan d-dokument hu ma hareg ebda dokument iehor relatat ma din il-pazjenta. Mistoqsi x'kienet qaltlu l-pazjenta dakinhar, ix-xhud qal li kienet qaltlu li qalghet daqqa. Qal li skond ma hemm miktub f'dan ic-certifikat, hi ma qaltlux li qed tbati minn xi hag'ohra.

Illi **nhar l-hdax ta' Lulju 2002 xehed Doctor Philip Spiteri** [fol 39] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta'Oftalmologu u li kien ezamina lil Carmela Degabriele nhar s-sitta ta' Marzu 2002 f'Ohea Opticians, l-Gzira. Qal li meta ezaminha, sab li kellha feriti fuq in-naha tax-xellug, ticrita zghira fil-psycomatic arch u meta ccekkja r-retina taghha sab li kellha ticrita fiz-zewg ghajnejn. Qal li din kienet kawza serja jekk ma tikkurahiex ghaliex tista tikkawza retinal detachment. Zied jghid li hu ghamlilha t-trattament bil-laser sabiex jissigilla dawn iz-zewg ticritiet li kienu gravi. Qal li jekk t-ticrita ma tiehux trattament minnufih, kienet tikkawza retinal detachment u bhala konsegwenza kienet anke sahansitra tghama.

Illi **nhar d-disgha ta' Marzu 2005 xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 110]. Ix-xhud saritlu referenza ghal istqarrija li kien irrilaxxja nhar d-disgha ta' Dicembru 2001, esibita fl-atti bhala dokument CSH 3, partikolarment ghal dik il-parti fejn qal li hu kien ghadu kemm wasal mix-xoghol u hareg mill-karozza. Ix-xhud spjega li hu kien gej mid-direzzjoni tad-dar ta' Degabriele.

F'dan il-mument esibitxxa ritratt li jindika l-akwati 'n kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument S. Ix-xhud qal li hu pparkja ma gemb il-garr tieghu fejn hemm d-direzzjoni li giet mmarkata mill-Qorti fuq l-istess ritratt. Spjega li dak l-hin, Degabriele kien qieghed fuq il-parapett mal-garr tieghu fir-rokna taghhom u dan staqsih u talbu c-cwievet tal-vann u qallu biex inehhilu l-vann minn quddiem r-residenza tieghu. Qal li ma kienx jaf b'ebda episodju li sehh qabel ma wasal hu fuq il-post. Qal li quddiem r-residenza ta' Vincent Degabriele ra li kien il-vann taghhom ipparkjat u li dan kien gie pparkjat hemmhekk minn ibnu. Qal li sussegwentement sar jaf li Vincent Degabriele kien diga kellem lil ibnu dwar il-vann li kien hemm ipparkjat quddiem r-residenza ta' Degabriele. Qal li meta Vincent Degabriele qalbu c-cwievet, kien jaf li ma kienux ghandu izda li kienu ghand t-tifel tieghu.

Mistoqsi jekk Vincent Degabriele kellmux b'herra, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li dak l-hin kien ghadu f'nofs t-triq wara l-karozza tieghu u dak l-hin rega' talbu biex

inehhilu l-vann u hu qallu li ma kienx ser icaqalqu l-vann u li jekk ried setgha jmur ghand l-Pulizija. Qal li ghamel hekk ghaliex kellu kull dritt jipparkja hemmhekk. Qal li mart Vincent Degabriele dak l-hin harget minn darha u bdiet tghajjru 'ingarzat' u lil martu 'qahba' u wehel kullhadd ma rasha.

Mistoqsi fejn kienet il-qasrija li waddab Vincent Debgabriele fid-direzzjoni tieghu hiex tieghu jew le, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Ix-xhud esibixxa f'dan l-istadju ritratt iehor li gie mmarkat bhala dokument 'C' fejn fih tidher l-hamrija li kienet fil-qasrija u zied jghid li hu kien hemmhekk. Qal li hu kien xi zewg metri boghod mill-bankina u hemm metru fil-bankina u ghalhekk hu kiien tlett metri boghod mill-parapett ta' Vincent Degabriele. Qal li Vincent Degabriele kien ghadu 'l isfel fuq in-naha tal-parapett tal-gemb. Qal li l-mara ta' Vincent Degabriele kienet fejn hu stess indika fl-istess ritratt bl-ittra 'O', bintu kienet vicin ommha u Vincent Degabriele kien fejn indika bl-ittra 'P' fuq l-istess ritratt. Qal li bintu qaltlu biex ihalli lil missierha bi kwietu, qaltlu xi kliem mhux xieraq u anke tatu daqqa go wiccu bi zbrixx u hu hass li kienu ser iduru ghalih u has wkoll li kellu jiddefendi ruhu u xejjer l-basket. Qal li meta xejjer l-basket, l-mara ta' Vincent Degabriele kienet ghadha fejn immarkat bl-ittra 'O' u li hu ma laqat lil hadd bil-basket meta xejjru.

Mistoqsi jekk l-basket esibit l-Qorti hux l-basket li kellu f'idejh dakinhar tal-incident, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li l-gebel li qabdet Sonia mill-art, kienu mill-parapett u jahseb li kienu l-istess gebel li nkisru mill-qasrija li kienet waddbet ghax kienu zghar.

Qal li fl-istqarrija tieghu hu qal li hu tela fuq il-bankina pero hu tela fid-direzzjoni ta' fejn kien Vincent Degabriele filwaqt li Carmela Degabriele baqghet fl-istess post u cioe fejn hemm l-ittra'O', imqabbda ma zewgha. Kompla jghid li Vincent Degabriele fl-ebda hin ma baqa kalm, kien qisu ljun u li kien jonqos biss li joqtlu. Qal li t-tieni qasrija li twaddbet kienet fil-parapett li jidher fir-ritratt mmarkata 'S' u proprju fin-nofs fejn il-Qorti mmarkat bl-ittra 'X'. qal li dak l-hin Carmela Degabriele resqet minn fejn kienet u

marret ma gemb zewgha vicin l-ittra ‘X’. Kompla jghid li hu ra qasrija ghaddejja minn bejniethom u hu telaq ‘l isfel. Hin minnhom Vincent Degabriele beda jheddu kif stqarr fl-istqarrija tieghu u mar lura d-dar. Qal li bejnu u bejn ta’ Degabriele kien hemm tletin metru. Ix-xhud qal li hu joqghod tlett idjar ‘l isfel fuq l-istess naha tat-triq. Qal li meta kien qed jispjega lil familjari x’kien gara waqt li kien f’daru, semgha tisbit mal-bieb tad-dar tieghu u meta mar jiftah l-bieb sab lil Carmela Degabriele hierga mill-parapett u sab qasrija tal-konkos mal-bieb miksura. Ix-xhud f’dan l-istadju esibixxa qasrija li giet mmarkata bhala dokument ‘J’. Ix-xhud qal li llum l-gurnata ghad hemm qasrija ohra parigg din il-miksura fil-parapett ta’ Degabriele. Ix-xhud f’dan l-istadju esibixxa qasrija ohra tal-plastic li twaddbet li giet mmarkata bhala dokument ‘U’. Kemm il-qasrija dokument ‘J’ kif wkoll dik markata dokument ‘U’ kienu f’nofs it-triq. Qal li meta giet lura d-dar, giet warajh u tefghet dawn iz-zewg qsari wara biebu. Zied jghid li meta gew l-Pulizija, il-basket in kwistjoni tieghu kien fl-entrata, kien hallieh hemmhekk. Ix-xhud cahad li hu mess lil xi hadd minhom. Qal li l-familja Degabriele kienu ghola minnu u hu kien zewg filati ‘l isfel mill-parapett.

In kontr’ezami l-imputat qal li hu minnu li hu joqghod erbgha bibien ‘l isfel minn ta’ Degabriele pero hu jhoss li ghandu jipparkja quddiemhom. Qal li din ma kienetx l-ewwel darba u kien hemm diversi rapporti dwar dan fil-konfront tieghu. Qal li dakinhar, meta kien rritorna lura mix-xoghol bil-karozza, hu kien ipparkja quddiem dar ohra. Qal li hu jahdem bhala security mal-AFM fl-ajruport. Zied jghid li fil-basket dakinhar kellu tornavit bil-manku tal-plastic, skartocc zghir u pakkett maltesers.

Qal li mhux minnu dak li issuggerixxa l-avukat difensur li dak l-hin li Vincent Degabriele qallu biex icaqlaq il-vann, hu kien sejjer fid-direzzjoni tieghu. Stqarr li huwa minnu li hu xejjer il-basket wara li kien qala daqqa u dan ghamlu sabiex jiddefendi ruhu. Cahad li hu xejjer l-basket fid-direzzjoni ta’ Carmela Degabriele. Qal li r-ritratti ma gewx mehuda dakinhar, gew mehuda l-ghada. Ix-xhud f’dan l-istadju esibixxa ritratt tal-parapett tieghu fejn kien hemm is-siment tal-qasrija ta’ Degabriele li gie mmarkat bhala

dokument ‘Z’, liema ritratt wkoll gie mehud l-ghada. Qal li dakinhar hu ma weriex lis-Surgent li kien hemm siment f’nofs t-triq u qallu biss li l-qasrija kienet tas-siment u dan sabiex jiehu l-passi necessarji. Qal li l-qasrija kienet tal-plastic liema qasrija esibixxa l-Qorti. Qal li l-griehi li garrbet Carmela Degabriele gew kagjonati mill-qasrija li kienet mimilja bil-hamrija u kellha wkoll xitla tal-cactus li waddab Vincent Degabriele. Qal li wara li sehh l-incident, immedjatament gew il-Pulziija u haduh l-Ghassa u ma tawh ebda cans jispjega dak li verament kien gara, pero lis-Surgent lahaq qallu li kien hemm qasrija f’nofs t-triq.

Illi **nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2005, waqt l-access mizmum mill-Qorti fuq l-lok tal-incident, xehed Carmelo Schembri** [fol 118] fejn qal li hu ma kien presenti ghal ebda incident u li hu hareg barra meta ntefghet il-qasrija u hareg ghaliex semgha hoss qawwi, qisu bieb ried jinqala. Qal li hu hareg fil-parapett tad-dar tieghu ‘Roseleon’, wahdu. Qal li meta fetah l-bieb ra lil Carmela Degabriele, li toqghod zewg bibien ‘l fuq minnu, tiela tigri lejn il-parapett. Meta hareg qal li semgha lil Carmela Degabriele tghid lil zewgha “Ara xi grali minhabba fik” u dak l-hin fuq il-parapett kien hemm qasrija miksura. Mistoqsi jekk x’hin hareg, l-imputat kienx hemm, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li l-imputat kien gia ttiehed l-Ghassa. Qal li meta hareg hu ma rax wicc Carmela Degabriele ghaliex kien daru lejha, kienet ix-xitwa u kienu s-sebgha w nofs ta’ filghaxija u kien d-dlam. Qal li hu jigi missier il-mara tal-imputat u problema ta’ smiegh hu m’ghandux. Qal li lil Pulizija hu ma rahomx dakinhar tal-incident, kienu diga marru.

Illi **nhar l-ewwel ta’ Gunju 2005 xehed Adrian Montebello** [fol 123] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien gej minghand l-mekanik bil-vann tieghu u kien ipparkja quddiem r-residenza ta’ Carmela Degabriele ghal habta tas-sebgha neqsin ghaxra ta’ filghaxija. Qal li appena ipparkja, hareg Vincent Degabriele mid-dar tieghu u staqsih kemm kien ser idum hemmhekk u hu qallu li kien ser imur Haz Zabbar igib karozza u jerga jigi. Qal li staqsih jekk riedtx li jnehhilu l-karozza minn quddiemu u dan wiegbu fin-negattiv u hu qallu li ma kienx ser idum. Qal li Vincent Degabriele lilu kellmu b’vuci gholja. Qal li

mar Haz Zabbar u ha c-cwievet tal-vann mieghu u dam xi nofs siegha b'kollox. Zied jghid li meta kien gej lura, minn naha ta' faccata ta' Degabriele nnota karozza tal-Pulizija u meta nizel ra xi qsari fin-nofs u hamrija f'nofs it-triq, fuq in-naha ta' wara u hdejn il-karozza. Qal li ra l-karozza ta' missieru pparkjata ma gemb r-residenza ta' Vincent Degabriele, quddiem r-residenza ta' haddiehor, wara l-vann tieghu. Qal li kif wasal sab lil ommu fil-bieb u staqsiha x'kien gar u dak l-hin waqqfuh il-Pulizija milli johrog. Qal li hu hareg wara li kkalmat is-sitwazzjoni u ra lil Vincenzo Degabriele jnaddaf t-triq mill-hamrija u dan qallu li ried jiccalingja lil missieru ghal glied u qallu biex jghidlu li ried jiggilidlu, pero hu ma kellmux. Qal li huma m'ghandhomx qsari fil-parapett u li l-qsari in kwistjoni kienu ta' Degabriele.

Illi **nhar s-sebgha ta' Settembru 2005 xehed Adrian Montebello in kontr'ezami** [fol 129] fejn qal li huwa veru li hu ma kienx presenti ghal incident in kwistjoni. Ftakar li dakinhar Vincent Degabriele kien staqsih jekk kienx ser idum biex inehhilu l-vann u hu rrispondih fin-negattiv. Qal li l-vann kien hallieh ipparkjat hemmhekk xi kwarta. Qal li gieli mar bil-vann. Mistoqsi ghaliex kien ha c-cwievet mieghu dakinhar tal-incident, ix-xhud wiegeb li hu kellu kull dritt li jipparkja hemmhekk u ghalhekk halla l-vann hemmhekk u ha c-cwievet mieghu. Qal li l-vann hu ma hallihx ipparkjat quddiem r-residenza ta' Degabriele, hallih aktar 'l isfel. Qal li meta gie lura, diga kien hemm l-ambulanza fuq il-post biex tiehu lil Carmela Degabriele.

Ikkunsidrat:

Illi huwa d-dmir tal-Prosekuzzjonni li tipprova l-akkuza taghha sal-grad rikjest mill-ligi u cioe minghajr ma thalli ebda ombra ta' dubbju f'mohh il-gudikant li kien l-imputat li ghamel dak li gie akkuzat bih u hadd aktar.

Il-Prosekuzzjoni qed ssostni li l-imputat xejjer basket fid-direzzjoni ta'Carmela Degabriele w ikkagunalha ferita ta' natura permanenti f'wiccha kif deskritta mill-espert nominat mill-Qorti Doctor Dino Vella Briffa. Minn naha l-ohra pero d-Difiza qed issostni li l-feriti li subiet Carmela

Degabriele gew kagjonati billi Vincenzo Degabriele tefa’ xi qsari fid-direzzjoni tal-imputat u laqat lilha fil-process.

Carmela Degabriele hija l-unika xhud li tghid li kien l-imputat li laqatha bil-basket. Issa l-basket in kwistjoni huwa wiehed tac-caruta. Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li fil-basket dakinhar tal-incident kien hemm biss skartocc, tornavit u xi affarijiet personali.

PS 1386 Anthony Agius jghid li hu fetah dan il-basket li sab fir-residenza tal-imputat u sab l-oggetti fuq deskritti dakinhar stess. Fl-ebda hin ma jghid li sab xi oggett iebes go fih. Mistoqsi jekk hu rax xi demm fuq il-basket, l-istess ufficjal jghid li demm fuq il-basket ma kienx hemm. Dan wkoll gie verifikat aktar tard mill-Qorti meta gie esibit l-basket fil-proceduri odjerni.

Issa mill-provi prodtti jirrizulta li mill-ferita li kellha Carmela Degabriele hareg hafna demm u ghalhekk il-Qorti taraha difficli kif l-basket ma kellux qtar ta’ demm fuqu, aktar w aktar meta kien basket tac-caruta.

In oltre, meta xehed Doctor Dino Vella Briffa, dan jghid li l-ferita giet kagonata b’xi haga iebsa, tqila u b’xifer bhal per ezempju bicca konkriet. Qal wkoll li d-daqqa li qalghet Carmela Degabriele kienet wahda b’sahhitha b’oggett ta’ certu piz. Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-basket kien ta’ certu piz u li go fih ma kienx hemm xifer.

L-imputat minn naha l-ohra, jghid li r-ragel tal-vittma tefgha xi qsari tac-caqquf bil-hamrija. Vincenzo Degabriele ma jichadx dan salv li jghid li laqathom u mhux tefaghhom. Jghid li hu kien qed ihares l-hin kollu lejn l-imputat w ghalhekk ma jistax jghid jekk laqatx lil martu huwa stess. L-imputat jghid li kien Vincenzo Degabriele stess li kkaguna l-ferita lil martu meta tefa’ l-qsari u dan laqatha, ghaliex rah u kien dak l-hin li Carmela Degabriele kellha d-dmija f’wiccha .

Illi fid-dawl ta’dak li rrizulta lil Qorti, huwa probabbli li l-ferita verament giet kagjonata bil-qasrija w ghalhekk din il-

Qorti ma hiex konvinta li kienet id-daqqa tal-imputat li kkagunat l-ferita f'wicc Carmela Degabriele.

Dwar l-akkuza li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sonia Degabriele, din ma tirrizultax, lanqas remotament u dan ghaliex l-allegata vittma Sonia Degabriele lanqas biss xehdet f'dawn il-proceduri.

Dwar t-tielet akkuza, u cioe l-kontravenzjoni li l-imputat kiser il-paci pubblika, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati taghha.

Ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 214, 216, 218(1)(b), 221(1), 338(bb) u 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat LEONARD MONTEBELLO hati tal-akkuza li kkaguna ferita fuq il-persuna ta' Carmela Degabriele u Sonia Degabriele w ghalhekk tilliberah minn dawn l-akkuzi u tiddikjara li kiser il-paci pubblika u tikkundannah ghall-amenda ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes in konnessjoni mal-hatra ta' esperti, din il-Qorti rat li l-imputat m'instabx hati ta' din l-akkuza fejn kien hemm bzonn din il-perijza medika u ghalhekk mhux qed tilqa tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------